MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Numru. 102/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Cassar**

Numru: 102/2014

Illum 4 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel** Cassar, ta' wiehed u sittin (61) sena, iben Anthony u Helen neé

Attard, imwieled Gudja, Malta, nhar it-2 ta' Settembru 1952 u residenti fil-fond Mario, Triq il-Hgejjeg, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 676852(M), akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija gewwa Triq it-Torri Tingi fix-Xewkija u f'postijiet ohra fix-Xewkija, Ghawdex:

1. volontarjament ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBA 828 ghad-detriment ta' Tarcisio Borg u/jew persuni ohra liema hsara tammonta ghal 435.00 Euro;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuna ta' Tarcisio Borg;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja u/jew hedded lil Tarcisio Borg;

4. ghamel reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu nhar is-17 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

5. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell u kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-kwerelant, fis-seduta tallum, jiddikjara li l-ammont li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat kien anqas minn mitejn u hamsin Euro (€ 250.00) u semghetu wkoll jiddikjara li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-kwerelant jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu f'dan il-kaz.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie dikjarat fis-seduta tallum mill-kwerelant u tenut kont tal-atti processwali ta' dan il-kaz, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom. Fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghhom *stante* rinunzja da parte tal-kwerelant.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-

imputat minnhom, fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------